MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Citazzjoni Numru. 170/2000/1

Gorg u Lilian konjugi Gatt u Marija mizzewga Camilleri, Mary Louise mizzewga Muscat, Stephen Camilleri, Dennis Camilleri u Robert Camilleri

vs

Anthony Camilleri, John Camilleri, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb, Agnes armla ta’ Nazzareno Camilleri f’isimha proprju u bhala mandatarja ta’ uliedha imsiefrin David Camilleri, Nathalie mart Emanuel Hili u Kevin Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li tghid:

Illi l-konvenuti permezz ta’ ittri ufficjali taghhom fl-10 u fit-18 t’April 2000 hawn annessi u markati bhala dok. ‘A’ u ‘B’

rispettivament, allegaw illi l-atturi huma responsabbli ghall-isparizzjoni ta’ somma li teccedi hamsin elf lira (Lm50,000) matul il-hajja u wara l-mewt ta’ Ursola Camilleri, u talbu lill-konvenuti [recte atturi] Gorg u Lilian konjugi Gatt jaghtu rendikont ta’ fejn dawn il-flus kollha sparixxew;

Illi l-atturi ghandhom interess illi jilliberaw ruhhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti minkejja li gew debitament interpellati fit-13 ta’ April 2000, naqsu li jirtiraw tali allegazzjoni;

Talbu l-atturi ghaliex dina l-Qorti:

1. m’ghandhiex tipprefigi terminu ta’ mhux aktar minn tliet xhur sabiex il-konvenuti jiddeducu fil-gudizzju dawna l-pretensjonijiet taghhom;

2. fil-kaz li ma jiddeducux fit-terminu li jinghata lilhom, m’ghandhomx jigi lilhom impost is-silenzju perpetwu billi jigi lilhom impedut li qatt jipprocedu b’dina l-pretensjoni mmaginarja taghhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ April 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u lista ta’ dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li fiha eccipew:

1. illi fl-ewwel lok li l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom f’din il-kawza li jistitwixxu l-azzjoni odjerna;

2. fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija guridikament insostenibbli billi l-oggett ta’ din il-kawza ma jikkostitwix bazi ghal din l-azzjoni;

3. fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal ewwel zewg eccezzjonijiet, il-mankanza ta' zewg elementi essenzjali li fuqhom hija fondata l-azzjoni odjerna u cioe' dik tal-pussess u l-molestja;

4. fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet, li l-atturi ghandhom jippruvaw li huma ghandhom jew li ghandhom fil-pussess taghhom il-kreditu ossija l-flus li taghhom l-eccipjenti qeghdin jitolbu rendikont taghhom;

5. fil-meritu u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, li l-eccipjenti kulma talbu bl-ittri ufficjali responsivi taghhom tal-10 u tat-18 ta' April 2000 kien li jinghataw rendikont tal-flus li kellha ommhom Ursola Camilleri, li maghha kienu jghixu l-atturi George u Lilian Gatt, li taghha l-attrici l-ohra Maria Camilleri kellha l-prokura, u li fid-dar tal-mejta kienu jidhlu l-atturi l-ohra kollha;

6. li mill-flus li kellha ommhom Ursola Camilleri kemm dawk li jirrizultaw mid-denunzja tal-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri li miet fl-20 ta' Marzu 1982, kemm il-flus li kellha d-dar fl-epoka tal-mewt ta' zewgha, kemm il-flus li kienet tirciev i ta' kull xahar mill-pensjonijiet, kemm dik Amerikana, kif ukoll dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ta' Malta, l-istil ta' hajja misera u bla kapricci ta' xejn li fiha kienet tghix Ursola Camilleri, li qatt ma kielet sa ma xebghet, u dan huwa ben maghruf lill-partijiet, liema dhul kien jammonta ghal eluf kbar ta' liri ghall-perjodu bejn l-1982 meta miet zewgha Paolo Camilleri u l-1997 meta mietet Ursola Camilleri kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza, madanakollu Ursola Camilleri mietet minghajr ma rrizulta li kellha xejn flus la fid-dar fejn kienet tghix u lanqas depoziti fil-Banek, anzi, skond l-atturi mietet bid-dejn billi lanqas kien baqghalha flus biex jithallas il-funeral taghha, liema spejjez gew saldati mill-eccipjenti. Ta' dan kollu l-esponenti kienu gustifikati li jitolbu rendikont tal-flus lill-atturi li kellha Ursola Camilleri u li ta' flusha l-atturi Maria Camilleri u Lilian Gatt kellhom kontroll effettiv.

7. salvi eccezzjonijeit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Rat s-sentenza taghha tal-20 ta' April 2001 u dik tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Mejju 2004 b'liema sentenza ddikjarat nulla s-sentenza ta' din il-Qorti u ordnat li l-atti jigu rinvjati quddiem din il-Qorti ghall-fini ta' kontinwazzjoni tas-smiegh u decizjoni tal-kawza;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz dak li kellhom jissottomettu l-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni maghmula mill-atturi hija dik ta' jattanza li tinsab kontemplata fl-Artikolu 403 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12. Dan l-Artikolu jipprovdi li "meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni". Imbaghad, l-Artikolu 405 (ibid) jiddisponi illi "il-Qorti ma tilqax it-talba imsemmija fl-artikolu 403 jekk il-pretensjoni tkun dwar jeddijiet incerti, li jiddependu minn fatt li jista' jigri u ma' jigrix jew minn kundizzjonijiet, jew dwar jeddijiet li ma jistghux jingiebu 'l quddiem f'dak iz-zmien". Il-gurisprudenza affermat illi dikjarazzjoni gudizzjarja bhala difiza ta' talba ghall-hlas ta' kreditu pretiz jew ta' dritt ma tistax tikkostitwixxi bazi ghal din l-azzjoni.

Illi f'dan l-istadju, pero' u qabel ma jigi trattat il-meritu hemm zewg punti ta' indoli procedurali li tajjeb jissemmew. Dawn huma:

(a) illi kawza ta' din ix-xorta tigi determinata f'zewg stadji, cioe' l-ewwel ghandu jigi stabbilit jekk jissusistux l-elementi rikjesti, u f'kaz biss li dawn l-elementi jkunu sodisfatti, l-Qorti tipprovdi u tghaddi sabiex taghti lill-parti

pretendenti terminu ta’ mhux aktar minn tliet xhur sabiex tistitwixxi l-proceduri appositi fuq id-dritt vantat. Sussegwentement, u allura fit-tieni stadju, u fid-differiment tal-kawza ghal wara t-terminu ordnat, tezamina jekk il-proceduri gewx istitwiti fuq l-iskorta ta’ l-ewwel stadju u jekk jirrizulta li ma jkunx gew introdotti tghaddi biex timponi fuq il-konvenut is-silenzju perpetwu;

(b) illi f’kawza ta’ jattanza l-Qorti mhix tenuta li tidhol fil-meritu tal-kwistjoni. L-indagni li ghandha taghmel hi ristretta sabiex jigi determinat jekk il-jedd pretiz fl-att gudizzjarju huwiex wiehed incert jew li jiddipendi minn ivent futur jew ukoll jekk kienx spontanju jew altrimenti provokat mill-agir tal-parti l-ohra.

F’dan is-sens il-valur probatorju tax-xhieda u d-dokumenti prodotti mill-konvenuti huma biss tendenti biex juru se mai li l-jedd pretiz fl-att gudizzjarju mhux incert jew dipendenti minn ivent futur.

Issa, ghall-ezercizzju ta’ din l-azzjoni hemm bzonn il-konkors ta’ tliet rekwiziti. Dawn huma:

(a) li jkun hemm il-millantazzjoni ta’ pretensjoni bazata fuq dikjarazzjoni spontanja tad-dritt vantat u li ma tkunx il-konsegwenza ta’ provokazzjoni da parti tal-parti l-ohra li tippromwovi l-kawza tal-jattanza;

(b) li dik il-pretensjoni tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub;

(c) li min jezercita l-azzjoni jrid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqha tigi maghmula l-millantazzjoni. [Ara *Appell deciz 1.07.1946 Joseph Borg vs Paolo Borg]*

Intant, il-bazi ta’ l-azzjoni attrici huma zewg ittri ufficjali li l-konvenuti pprezentaw kontra taghhom u liema ittri ufficjali jgibu d-dati tal-10 u t-18 ta’ April 2000 (annessi bhala dokti ‘A’ u ‘B’ rispettivament mac-citazzjoni). Jirrizulta, pero’, li dawn l-ittri ufficjali gew spediti mill-konvenuti b’segwitu ghall-ittri ufficjali spediti qabel mill-atturi datati 6 u 13 ta’ April, 2000 (esebiti folio 95 u 96). Ezaminati l-ittri ufficjali

in kwistjoni huwa fatt car li l-atturi permezz ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2000 kienu nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi li l-atturi kienu allegaw li rrendew lill-axxendenti komuni taghhom, ghal-liema, il-konvenuti kienu rrispondew bl-ittra ufficjali tal-10 ta' April ta' l-istess sena fejn irrespingew tali pretensjoni u rritorcew billi talbu rendikont shih tad-dhul tal-mejta ommhom Ursola Cammilleri (l-omm komuni) u li fil-konfront taghha l-atturi kienu qeghdin jippretendu xi hlas ghall-servigi li allegaw kienu pprestawlha. Sa hawnhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn li seta' jaghti aditu ghal xi azzjoni ta' jattanza stante li l-'vanto' tal-konvenuti ma kienx specifikat u lanqas identifikabbli. Certament kien fid-dritt taghhom li jirrispingu kull talba ta' servigi u fl-istess hin jiddomandaw rendikont tad-dhul proprju sabiex juru li t-talba attrici kienet infondata. Hi fuq it-tieni ittra ufficjali tal-konvenuti, dik tat-18 ta' April 2000, spedita b'risposta ghall-ittra ufficjali ta' l-atturi fejn irribattew dak li ntqal mill-konvenuti fl-ittra ufficjali responsiva taghhom, li l-'vanto' gie specifikat u hu partikolarment identifikabbli fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fejn inghad li "ghaldaqstant jekk jidhrilkom li ghandkom tiehdu passi dwar l-allegazzjonijiet tal-mittenti, il-mittenti anzi jissolecitawkom sabiex tfittxu tiehdu kull azzjoni li jidhrilkom opportuna l-ghaliex b'daqshekk biss tohrog il-verita' dwar il-flus li kellha mfaddlin Ursola Camilleri u li spiccaw ghand bintha Marija u t-tfal taghha".

Hawnhekk il-konvenuti dahlu fattur gdid u asserew il-'vanto' b'mod dirett u specifiku billi taw ghad intendere l-'misappropprijazzjoni' tal-flus ta' Ursola Camilleri minn bintha Marija u t-tfal taghha, ossija l-atturi. F'din it-tieni ittra ufficjali taghhom l-konvenuti zvestew ruhhom minn kull fattur ta' spontanjeta' u vvantaw kontra l-atturi pretensjonijiet ta' dritt b'intonazzjoni anke ta' agir illegali da parti ta' l-istess atturi. Hawn hu fejn din il-Qorti tiddentifika d-'diffamari' li ta' lok ghall-atturi li jintavolaw din il-kawza ta' jattanza.

Fi kliem iehor, waqt li fl-ewwel ittra ufficjali l-konvenuti, provokati, m'ghamlu xejn izjed milli rriservaw integri d-drittijiet taghhom a skans li jsofru pregudizzju, mhux hekk

ukoll fit-tieni ittra ufficali taghhom f'liema dak li gie espress fiha ma baqax necessarju ghall-ezercizzju jew ghall-konservazzjoni tad-drittijiet taghhom (*Vol.XXXI.i.494*). Hu wkoll f'dan il-kuntest car illi l-kwistjoni ma tirivolvix fuq il-pussess tal-haga, li madanakollu mhix fil-konvenut, imma li l-atturi jgawdu pussess tad-dritt li jikkawtelaw ruhhom minn diffamazzjonijiet, jew prezunti tali, altrui. Bil-fatt biss li l-konvenuti nterpellaw l-attrici, u nvolvew lill-uliedha, li hi ghandha flus ta' l-omm, li fuqhom saret il-millantazzjoni, jissodisfa r-rekwizit ta' dan il-gudizzju tal-jattanza hekk espress fil-ligi Rumana "Diffamari – Codex De Ingenuis et Manumiss" (ara *Vol.XXIX.ii.678*).

Inghad dan, ghalhekk, tiddeciedi in aderenza ghall-ewwel talba tal-atturi billi tilqghaha u tipprefigi terminu ta' xahar mil-lum lill-konvenuti sabiex jgibu 'l quddiem il-pretensjonijiet taghhom. Tiddiferixxi l-kawza ghall-1 ta' Novembru 2005 ghat-trattazzjoni tat-tieni talba, u jekk il-kaz, sabiex tiddisponi mill-istess.

Spejjez ta' din l-istanza ghall-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------